# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 574/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Ahmed Said Abdellativ Mohamed Hemdia Elsakka**
**David Debono**

Illum 27 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellati **Ahmed Said Abdellativ Mohamed Hemdia Elsakka** detentur tal-Passaport Eġizzjan bin-Numru A08183426 u **David Debono** detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 85259(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-4 ta' Awwissu 2016 u fil-jiem ta' qabel, fuq il-baħar jew fil-Baħar Mediterran skont il-każ:

1. il-kaptan Ahmed Said Abdellatif Mohamed Hemdia Elsakka ma kienx awtorizzat taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi biex ikun kaptan ta' bastiment tas-sajd lokali, bi ksur ta' Artikolu 12 tal-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lil Ahmed Said Abdellatif Mohamed Hemdia Elsakka waħdu talli:

2. kiser Artikoli 3 u 4 tal-L.S. 425.08 billi naqas mill-obbligi tiegħu relattivi għas-sellum tal-imbark bi ksur ta' Artikolu 114(1)(ċ) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru. 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformita' mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd u tali aġir;

3. għadda tagħrif falz fir-rigward tas-sellum tal-imbark lill-awtoritajiet kompetenti;

4. fixkel uffiċjali għat-tħaris tas-sajd milli jwettqu xogħol ta' spezzjoni fuq il-baħar u li naqas milli jimxi ma' dawk l-ordnijiet leġittimi li ngħatawlu u dan bi ksur ta' Artikolu 21(3)(ċ) tal-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. naqas milli jottempera għall-obbligi tiegħu taħt Artikolu 8 tar-Regolament (KE) 1224/2009 u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet li jirrispetta l-kondizzjonijiet u r-restrizzjonijiet relatati mal-immarkar u l-identifikazzjoni tal-bastimenti tas-sajd u l-irkaptu tiegħu meħtieġa bl-istess dispożizzjoni, bi ksur ta' L.S. 425.08 u liema ksur jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi skont id-dispożizzjonijiet tal-L.S. 425.08 u preċiżament Artikoli 3 u 4 tal-imsemmi Ordni;

Lil David Debono waħdu talli:

6. naqas milli jottempera għall-obbligi tiegħu taħt Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 404/2011 u dana fir-

rigward ta' nuqqasijiet fl-immarkar tal-bastiment tas-sajd meħtieġa bl-istess dispożizzjoni, bi ksur tal-L.S. 425.08 u liema ksur jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi skont id-dispożizzjonijiet tal-L.S. 425.08 u preċiżament Artikoli 3 u 4 tal-imsemmi Ordni;

7. naqas milli jottempera għall-obbligi tiegħu taħt Regolament 17(b) tal-L.S. 425.07 u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet fl-immarkar tal-bastiment tas-sajd bl-isem u l-port ta' ritorn fuq il-poppa skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili;

8. fit-18 ta' Awwissu 2016 u fil-jiem ta' qabel, fl-ibħra tas-sajd jew fuq il-baħar fil-Mediterran, u ġewwa port f'Malta skont il-każ naqas milli jottempera għall-obbligi tiegħu taħt Regolament 19(b) tal-L.S. 425.07 u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet fl-immarkar ta' l-irkaptu bin-numru tal-bastiment mogħti lilu mid-Dipartiment.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex jiġu applikati provvedimenti skont id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 35 tal-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fir-rigward taż-żamma jew konfiska kif hemm dispost kif il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun li tordna u timponi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Novembru 2016 fejn il-Qorti:

- filwaqt li ma sabitx lill-imputat Ahmed Said Abdellativ Mohamed Hemdia Elsakka ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni u minnhom illiberatu, wara li rat Artikolu 8 tar-Regolament (KE) 1224/2009 sabitu ħati tal-ħames (5) imputazzjoni u kkundannatu multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200); u

- ma sabitx lill-imputat David Debono tal-ewwel (1) u tas-sitt (6) imputazzjoni u, wara li rat Artikoli 17(b) u 19(b) tal-L.S. 425.07 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 17(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tas-seba' (7) u tat-tmien (8)

imputazzjoni u kkundannatu multa komplessiva ta' elfejn Euro (€2,000).

L-Ewwel Qorti ordnat ir-rilaxx effettiv u finali tal-bastiment Rosnic lis-sidien tiegħu.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fil-5 ta' Diċembru 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"**tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonferma** dik il-parti fejn sabet lil **Ahmed Said Abdellativ Mohamed Hemdia Elsakka** ħati tal-ħames (5) imputazzjoni u lil **David Debono** ħati tas-seba' (7) u tmien (8) imputazzjoni u **tħassar** dik il-parti fejn ma sabitx lil **Ahmed Said Abdellativ Mohamed Hemdia Elsakka** ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni u minflok issibu ħati tagħhom skont l-akkuża, kif ukoll **tħassar** dik il-parti fejn ma sabitx lil **David Debono** ħati tal-ewwel (1) u tas-sitt (6) imputazzjoni u minflok ssibu ħati tagħhom skont l-akkuża u tinfliġġi piena skont il-liġi u jekk ikun il-każ b'applikazzjoni wkoll tal-Aritikolu 35 tal-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward taż-żamma jew konfiska skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellati eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza minn appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u dana in segwitu ta' sentenza li ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-21 ta' Novembru 2016.

Illi minkejja li fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq tliet aggravji, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għal Artikolu 382 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi din il-Qorti tinnota li fid-*decide* tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ma qalitx jekk kinitx qed issib ħtija fir-rigward tal-ewwel (1) u tas-sitt (6) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-appellat David Debono.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Brown** (Numru 307/2010) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Quddiem l-Ewwel Qorti l-appellat ġie mixli fi tlett akkużi. Ġie liberat mill-ewwel akkuża, instab ħati tat-tieni akkuża, weħel mitt Ewro ammenda iżda għar-rigward tat-tielet akkuża l-Qorti tal-Maġistrati ma ppronunċjatx ruħha għad li kkwotat l-Artikolu 4 tal-Avviż Legali 344/2005 fuq imsemmi.
>
> L-Avukat Ġenerali appella peress illi deherlu fost affarijiet oħra illi l-Ewwel Qorti naqset li tottempra ruħha mad-dettami tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali li jobbliga lill-Qorti li tgħid il-voti tas-sentenza, tgħid il-fatti li dan tagħhom ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra li jkun ikkontempla dan ir-reat.

F'dan il-każ mhuwiex ċar għal x'hix l-ammenda ta' mitt lira qegħda tiġi addebitata, jekk huwiex għat-tieni akkuża li tellef il-ġieħ ta' Davinia Galea u weġġagħha bi kliem b'ġesti jew b'xi mod ieħor jew inkella għat-tielet akkuża li remgħa ż-żibel f'post pubbliku.

L-Ewwel Qorti ma ppronunċjatx ruħha dwar din it-tielet akkuża, għad li rreferiet għall-Artikolu 4 tal-Avviż Legali 344/2005 meta ġiet biex erogat il-piena.

Ma hemmx dubju illi dan l-iżball jwassal għan-nullita' tas-sentenza.

Kif qalet il-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Agius** deċiża fit-3 ta' Frar 1995: *"in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għan-nuqqas ta' formalita' sostanzjali"*.

Dan iwassal għan-nullita' tas-sentenza u kwindi għandha terġa' tinstema mill-ġdid.

Għalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tittratta t-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali u ċioè illi l-Ewwel Qorti erogat piena illi hija ferm anqas minn dik li stabbilit il-Liġi, sabiex dana jiġi kkunsidrat mill-Ewwel Qorti meta tkun qegħda tittratta l-kawża mill-ġdid.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi illi tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-15 ta' Ġunju, 2010 u tordna li l-atti jiġu rimessi lill-Ewwel Qorti sabiex il-kawża terġa' tinstema, trattata u deċiża mill-ġdid."

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Ġunju 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Gatt** (Numru 260/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"4. [...] Dan iżda ma huwiex possibbli għaliex l-istess sentenza hija kolpita minn nuqqas ieħor li jikkonsisti fin-nuqqas tal-ewwel Qorti li effettivament tiddeċiedi fuq waħda mill-imputazzjonijiet b'mod, allura, illi li kieku kellha tiddeċiedi dwarha din il-Qorti tkun qed tippriva lill-parti mid-dritt tad-*doppio esame*. Dan jorbot mat-tieni parti tat-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali meta jillanja li s-sentenza mhix waħda *safe and satisfactory* fejn si tratta tat-tieni imputazzjoni. Għal dan il-għan qed tkun riprodotta il-parti konklussiva tas-sentenza appellata:

> "Illi għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli indikati; u ċioè l-Artikolu 128(b) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta u Parti II Reg. 12 tal-Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta, u stante li l-ewwel (1) akkuża hija assorbibbli fit-tieni (2) akkuża ma ssibx lill-imputat Geroge Gatt ħati tal-akkużi kif dedotti kontrih."

5. Din il-konklużjoni tipotizza diversi possibilitajiet ta' interpretazzjoni, ħaġa li qatt ma għandu jkun meta si tratta ta' sentenza tal-Qorti. L-ewwel ipoteżi hi dik l-aktar ovvja, iġifieri li għaliex l-ewwel imputazzjoni hi assorbibbli fit-tieni waħda allura mhix qed tinsab ħtija fiż-żewġ imputazzjonijiet. Fl-ewwel lok, l-hekk imsejjaħ assorbiment kif ravviżat fl-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali japplika <u>biss</u> meta tinstab ħtija f'wieħed mir-reati meta t-tieni wieħed jitqies bħala mezz għall-fini u <u>mhux</u> meta jkun hemm liberatorja f'wieħed mir-reati. Apparti dan, il-kwistjoni hawn skrutinata tassumi importanza aktar gravi meta t-tieni ipoteżi tirraviża nuqqas ta' deċiżjoni fuq waħda mill-imputazzjonijiet.

6. Il-Qorti tosserva illi l-ewwel Qorti ma għamlet ebda konsiderazzjoni dwar l-ewwel imputazzjoni u eżaminat biss it-tieni waħda. Dan hu rifless ukoll fil-parti dispożittiva appena riprodotta. Din is-sentenza mhix

> konformi ma' dak li jitolbu l-Artikoli 377 u 382 tal-Kodiċi Kriminali, iġifieri li l-Qorti għandha tagħti sentenza fuq kull imputazzjoni miġjuba quddiemha. Qed issir riferenza għas-segwenti ġurisprudenza għall-aħjar intendiment: **Il-Pulizija vs. Carmel Mifsud** App. Krim. tas-6.7.2007, **Il-Pulizija vs. Joseph Brown** App. Krim. 31.5.12, **Il-Pulizija vs. Robert Farrugia** App. Krim. 19.11.2015 u **Il-Pulizija vs. Philip Zahra** 348/15 tat-28 ta' Settembru, 2017.
>
> 7. L-ewwel Qorti għalhekk naqset milli tosserva formalita' sostanzjali f'żewg istanzi billi indikat data ħażina fis-sentenza tagħha kif ukoll ma kkonsidratx waħda mill-imputazzjonjiet dedotti kontra l-appellat, konsegwenza ta' liema din il-Qorti qed tiddikjara s-sentenza nulla. Sabiex ma tipprivax lill-parti mid-dritt ta' *doppio esame*, qed tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex terġa' tiddeċiedi l-każ skont il-liġi u stante li issa dan il-każ twal ferm oltre żmien raġjonevoli tissolleċita eżitu aktar spedjenti."

Illi din il-Qorti tabbraċċja l-insenjament tas-sentenzi hawn fuq ikkwotati. Meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad aktar 'il fuq fir-rigward tad-*decide* tas-sentenza appellata u meħud in konsiderazzjoni wkoll dak li jirrikjedi Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll dak li ngħad fis-sentenzi hawn fuq ċċitati, din il-Qorti ser tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjaraha nulla. Bħal ma ġara fis-sentenzi hawn fuq ikkwotati, din il-Qorti ser tibgħat l-atti proċesswali lill-Ewwel Qorti sabiex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi b'dan illi jiġi speċifikat li l-appellati għandhom jerġgħu jitpoġġew fil-pożizzjoni li kienu immedjatament fiha qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda *ex officio* tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellati jerġgħu jitpoġġew fil-pożizzjoni li kienu immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**